MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 405/2007

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-28 ta’ Aprili 2001 u dana skond l-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. AG1;

2. Illi z-zwieg taghhom jew min minnhom kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-

zwieg, kif ukoll il-kunsens inkiseb mill-kontendenti jew min minnhom bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg u dana hekk kif se jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

3. Illi l-kontendenti illi sseparaw ukoll bonarjament minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Pubbliku Rachel Busuttil ta’ nhar it-8 ta’ Mejju 2007;

4. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

5. Illi l-imsemmi zwieg ghalhekk huwa ivvizzjat ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti ghandha ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti;

2. Tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qieghda tigi ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi hu minnu li l-partijiet izzewgu fit-28 ta’ April 2001 u li miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal.

2. Illi hu minnu li huma sseparaw legalment.

3. Illi l-eccipjenti taqbel li z-zwieg tal-kontendenti ghandu jigi annullat skond id-disposizzjonijiet applikabbli tal-Att taz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) izda mhux minhabba xi tortijiet addebitati lilha.

4. Hi tirriserva li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

5. Illi fic-cirkostanzi m' ghandhiex tbati ebda spejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-28 ta' April 2001 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta tattribwixxi n-nullita' taz-zwieg ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

**Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-28 ta' April 2001 meta allura kellhom 22 sena u kienu ilhom johorgu flimkien seba' snin. Wara konvivenza matrimonjali nfelici li damet circa tlett snin, huma sseparaw de facto; u fit-8 ta' Mejju 2007 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Jirrizulta li llum il-gurnata, filwaqt li l-konvenuta tghix ma' ommha, l-attur jinsab emigrat lejn l-Awstralja.

Illi in sostanza l-partijiet qabblu fil-verzjonijiet tal-fatti. Huma kienu bdew johorgu ma' xulxin minn meta kellhom 15- il sena, u sforz l-influwenza tal-genituri taghhom komplew fir-relazzjoni li eventwalment bdiet tiffoka aktar fuq l-affarijiet materjali, principalment it-tlestija tal-fond konjugali.

It-tnejn jaqblu li kien hemm nuqqas manifest ta' komunikazzjoni bejniethom, u li t-tnejn ma kienux konvinti

mill-pass li kienu ser jiehdu. Il-konvenuta tispjega fix-xhieda taghha li qabel iz-zwieg ma kienx qed ihohhsha kuntenta bil-fatt li kienet ser tizzewweg lill-attur, u konsegwentement kienet marret ghand counsellor li minn naha taghha kienet qaltilha, fi kliem il-konvenuta, "izzewweg, ghax dan stress tat-tieg, kif tizzewweg tidrah il-bniedem".[1] Fil-fatt, hekk ghamlet il-konvenuta, izda mhux talli ma dratx il-hajja konjugali ma' l-attur, talli r-relazzjoni matrimonjali bdiet tibred mill-bidu nett taz-zwieg. Hija tispjega li l-attur ma kienx jersaq lejha ghar-relazzjonijiet intimi, u kienet tiehu l-inizjattivi hi; u tghid li hi qatt ma hasset li kienu vicin xulxin fir-relazjzonijiet intimi li "dejjem" saru bi prekawzzjoni minn naha ta' zewgha l-attur.

Hija tghid li l-attur kien dejjem jipposponi li jkollhom it-tfal, u dan minhabba l-hsieb tieghu li ried jemigra lejn l-Awstralja peress li kien tal-fehema li hemm ghandu futur ahjar. Din il-fehema tieghu ssahhet wara li l-kopja, ftit xhur wara z-zwieg, kienu ghamlu xahar fl-Awstralja, bir-rizultat li r-relazzjoni matrimonjali taghhom bdiet tiddghajjef, billi dahlet il-bruda bejniethom.

Illi minn naha tieghu l-attur, li xehed permezz ta' affidavit, peress li jinsab l-Awstralja, jikkonferma li anke hu kellu d-dubji tieghu qabel iz-zwieg, izda l-genituri tieghu kienu jghidulu "Dak kollu stress tat-tieg u tal-post, u malli tizzewgu kollox jigi f' postu."[2] Huwa jikkonferma li qatt ma ried ikollu tfal fil-bidu taz-zwieg; u jghid li "dejjem xtaqt li ahna bhala kopja nemigraw lejn l-Awstralja … il-konvenuta kienet dejjem kontra dan ghaliex hija riedet tibqa' qrib il-familja taghha hawn Malta."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess jirrizulta car ghal din il-Qorti li l-partijiet izzewgu lil xulxin ghax kienu draw lil xulxin stante li bdew johorgu ma' xulxin ta' eta' zghira. Jirrizulta li t-tnejn ma kienux kuntenti bil-pass li kienu ser jiehdu, izda sfortunatament hasbu, u nghataw parir fis-sens, li maz-

[1] Fol.19
[2] Fol.38 *et seq.*

zmien kienu jidraw il-hajja mizzewga flimkien. Il-Qorti tosserva f' dan ir-rigward li hemm differenza radikali bejn iz-zmien tan-namur meta kopja jiltaqghu flimkien ghal xi hin u mbaghad imorru lura go darhom, u l-hajja konjugali fejn il-partijiet jorqdu u jqumu u jghixu l-hajja ta' kuljum flimkien. Jidher car li f' dan il-kaz, il-partijiet ma kienux gharrfu u apprezzew l-import tal-hajja konjugali meta huma accettaw li, nonostante d-dubji li kellhom, huma jibqghu sejrin biz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap. precitat, u dan fil-konfront taz-zewg partijiet; u ghalhekk it-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha, izda ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' April 2001. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------